# 64. In-Niċċa tal-Imħabba

Elf wieħed igħaddu quddiemha
għal xogħolhom bil-lejl u binhar,
’mma l-ebda tifsira ma għandha
għalihom di’ r-rokna ta’ dar

Ħlief rokna ta’ dar kantuniera,
mimlija bin-noli tat-tfal,
fejn jersqu n-namrati kull lejla
jistkennu mid-dawl tal-fanal.

Għalija dir-rokna hija niċċa
ta’ mħabba: merfugħa fl-artal
hemm bewsa, li qlajt l-ewwel waħda
imwarrab mid-dawl tal-fanal.

Niftakar kien ilna namrati
mit-tieqa, mill-bieb, u mill-bogħod,
u ltqajna sa fl-aħħar f’dir-rokna,
u marti besitni tirtgħod.

Illum illi marti metitli
għar-rokna bħal żdiedet il-qima,
u meta qed niġi quddiemha
bid-dmugħ qalbi ttiha tislima.